MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIZZI ANTONIO LL.D.**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2002

Numru 881/2002

Il-Pulizija
(SpJeffrey Cilia u
Sp neville Xuereb)
Vs
Hasan H. Hasan Dghaim, iben
Hamdu, imwieled is-Sirja fl-1982

Il-Qorti,
Rat l-akkuużi kontra l-imputat –
1. talli fil-21 ta’ ottubru, 2002 għal ħabta tal-ħamsa ta’ fil-għaxija, fl-ajruport internazzjonali ta’ Malta, iffalsifika siġilli, timbri jew marki oħra, li qegħdin sabiex jissiġillaw, jittimbraw jew jimmarkaw fl-isem tal-Gvern jew tal-awtoritajiet tiegħu, dokumenti jew oġġetti ta’ proprjeta’ pubblika, jew li jkunu qegħdin taħt

il-kustodja pubblika jew xjentement għamel użu minn dawn is-siġilli, timbri jew marki wkoll jekk dan b'użu falz ta' għodda vera;
2. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi kkorrompa lill-uffiċjal pubbliku in konnessjoni mal-kariga jew impieg tiegħu, billi ta u hu rċieva jew aċċetta għalih jew għal ħaddieħor xi rigal jew wegħda jew offerta ta' xi rigali fi flus, jew f'utli ieħor, jew ta' xi vantaġġ ieħor, li għalihom huwa ma kellux jedd, u minbarra li aċċetta l-ħlas, il-wegħda jew l-offerta, fil-fatt l-uffiċjal jew impjegat naqas li jagħmel dak li hu fi dmir tiegħu li jagħmel;
3. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi għamel użu minn att, kitba jew skrittura falza;
4. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorita' pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew tah tagħrif falz;
5. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi għamel falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamel użu minn dokument ieħor iffalsifikat;
6. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi meta kellu f'idejh passaport maħruġ lilu minn awtorita' kompetenti jew le, ittraferixxa dk il-passaport lill-persuna oħra;
7. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ffalsifika, biddel jew għamel xi tibdil jew uża jew kellu għandu passport li huwa jaf li ġie ffalsifikat, mibdul jew li sar tibdil fih;
8. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi mingħajr awtorita' leġittima uża jew kellu fil-pussess tiegħu xi dokument meħtieġ għal finijiet ta' l-Att ta' l-Immigrazzjoni li jkun ifflsifikat;
9. talli matul dawn l-aħħar xhur mingħajr ma ngħata permess ta residenza, niżel l-art jew kien Malta mingħajr permess mingħand l-Uffiċjal Prinċipali ta' l-Immigrazz-joni;
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex minbarra tapplika l-piena skond il-Liġi tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti;
Il-Qorti ġiet mitluba, ukoll, sabiex minbarra li tagħti l-piena skond il-Liġi tiddikjara lill-persuna imsemmija bħala mmigrant ipprjobit u toħroġ Ordni ta' Tneħħija kontra

tiegħu skond l-artikoli 14 u 15 tal-kapitolu 217 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Rat il-verbal tas-seduta tal-31 ta’ ottubru, 2002 fejn l-imputat ammetta l-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta’ l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu. Rat
l-artikoli 115, 172, 176, 184, 188 u 189 tal-Kodiċi Kriminali, l-artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Liġijiet ta’ Malta u l-artikoli 5 u 32(1)(f) tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta’ Malta u tikkundannah għal sena priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li s-sentenza ma għandhiex tibda sseħħ ħlief jekk matul il-perjodu ta’ erba’ snin mil-lum jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena ta’ priġunerija. Rat
l-artikoli 14 u 15 tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta’ Malta, tiddikjara lill-imputat immigrant projbit u tordna l-ħruġ ta’ Ordni ta’ Tneħħija kontra tiegħu.
Fiċ-ċirkostanzi ta’ dan il-każ mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 533
tal-Kodiċi Kriminali.